MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2015

Numru. 573/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**vs.**

**Christian Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Christian Cardona**, iben Joseph Mary u Josephine neé Vella, imwieled Pietà nhar l-20 ta' Lulju 1988, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 348888(M) u residenti St. Joseph Parmhouse, Tal-Hrieri, Limiti tas-Siggiewi,

akkuzat talli nhar is-26 ta' Novembru 2011 gewwa Triq San Edwardu, Hal Qormi ghall-habta ta' 19:00hrs (sebgha ta' filghaxija):

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fil-vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni JBN 951 propjeta' ta' Carmel Falzon (I.D. Nru. 347348(M)), liema hsara hija ta' aktar minn €116.47 (mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu) u li ma teccedix €1164.69 (elf, mija, erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu) ghad-dannu tal-istess Carmel Falzon;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fid-dentatura propjeta' ta' Rita Falzon (I.D. Nru. 758250(M)) liema hsara hija ta' aktar minn €116.47 (mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu) u li ma teccedix €1164.69 (elf, mija, erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu) ghad-dannu tal-istess Rita Falzon;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ohtu Silvianne Cardona (I.D. Nru. 370192(M)) skont kif iccertifikat minn Dr. Alison Micallef MD 3005, Dr. Carlo Refalo MD 3235, Dr. C. Salafia Zammit MD 2418 u Dr. Anthony J. Fenech u dan *ai termini* tal-Artikolu 2(i) tal-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rita Falzon (I.D. Nru. 758250(M)) skont kif iccertifikat minn Dr. Christine Azzopardi MD 5267 u Dr. Maria E. Pawley MD 5306;

5. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero b'numri tar-registrazzjoni LAF 602 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;

6. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero, b'numri tar-registrazzjoni LAF 602

minghajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju ta' terzi persuni;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

8. b'hekk jitqies bhala recidiv b'sentenza datata 15 ta' Settembru 2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "RZ 4" – *a fol.* 17).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 8).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 112 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 113), lill-konsulent legali tal-parti leza tiddikjara li ma kellhiex sottomissjonijiet finali x'taghmel.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Roderick Zammit** (*a fol.* 9 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li kien infurmah bih PS 274 James Turner wara li Silvianne Falzon già Cardona kienu ghamlu rapport fil-konfront ta' Christian Cardona

(hu Silvianne). Ezebixxa numru ta' dokumenti, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "RZ 1" sa "RZ 14" (*a fol.* 12 *et seq.*), fost liema dokumenti giet ezebita l-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Roderick Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 107) fejn ipprezenta l-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali giet immarkata bhala Dok. "RZ 15" (*a fol.* 108).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012, xehed **PS 274 James Turner** (*a fol.* 31) rigward l-okkorrenza redatta minnu, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JT 1" (*a fol.* 33 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **Josephine Cardona**[1] (*a fol.* 38) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet qed issuq il-vettura Pajero f'Hal-Qormi u li flimkien maghha fil-vettura kien hemm binha l-imputat. Tghid li f'hin minnhom quddiemha kien hemm vettura misjuqa minn bintha Silvianne li waqfet zopptu u hi (Josephine Cardona) laqtet ftit din il-vettura. Tghid li flimkien ma' Silvianne kien hemm Rita Falzon u li Rita nizlet ghaliha u kienet ser taqbad taghtiha. Tghid: *"U bdiet ixxejjer idejha go wicci u konna qrib xulxin u t-tifel dahal fin-nofs biex iferraqna, daqshekk kollox"* (*a fol.* 39). Tghid li kemm hi u binha nizlu mill-vettura. Tghid li dakinhar hi biss saqet il-vettura. Tispjega li wegghet ftit bid-daqqiet li giet moghtija minn Rita Falzon peress li Rita Falzon imbuttata u waqqatha mal-art.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed **Paul Balzan** (*a fol.* 51) fejn qal li huwa *spayer* u wara li gie muri Dok. "RZ 9" (*a fol.* 25), ikkonferma l-kontenut ta' dan id-dokument.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehed **Stephen Cachia** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn ghad-domanda jekk fis-26 ta' Novembru 2011 l-imputat kellux kategorija ta' licenzja, wiegeb fin-negattiv u qal li l-licenzja ta' Kategorija B, il-licenzja normali, giet mahruga fl-24 ta' Ottubru 2012.

[1] Ix-xhud ghazlet li tixhed minkejja li hija omm l-imputat.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehdet ukoll **Silvianne Falzon già Cardona**[2] (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet marret tixtri minn ghand il-*Maypole* u tghid: *"jiena u hierga rajt lil hija qisu, baqa' qed jipparkja l-karozza"* (*a fol.* 62). Tixhed li rikbet fil-vettura Toyota, f'liema vettura kien hemm Rita Falzon, il-kunjata taghha. Tghid li meta sehh l-akkadut kienet ghadha mhux mizzewga ma' iben Rita Falzon. Tixhed li huha l-imputat kien qed isuq qabilha bil-vettura Pajero u hu dahal *one-way* u f'hin minnhom gie warajha. Tghid li huha beda jteptep id-dawl tal-vettura u f'hin minnhom baqa' diehel fil-vettura taghha. Tghid li waqfet u Rita Falzon kienet pronta u nizlet mill-vettura u hi (Silvianne) nizlet warajha. Tghid: *"Imbaghad qaltlu habib x'ghamiltli? U qaltlu ma gara xejn ingibu l-Pulizija. U x'hin qaltlu hekk qabad itiha"* (*a fol.* 62). Tghid li l-imputat sabbat lil Rita Falzon mal-vettura u qabadha minn wiccha. Tichad li qabel dan kien hemm xi argument bil-kliem. Tghid li biex ma thalliex lill-imputat jaghti lil Rita Falzon, dahlet hi (Silvianne) u lilha taha daqqa go widnejha tax-xellug b'konsegwenza ta' liema ma tantx tisma minnha. Wara dan, l-imputat tefa' lil Rita Falzon mal-art u telaq.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, xehdet ukoll **Rita Falzon** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet fil-vettura ma' Silvianne Falzon già Cardona (il-mara ta' binha) u, waqt li kienu mexjin, l-imputat baqa' diehel b'velocita' qawwija minn wara fuq il-vettura li kienet fiha. Tghid li xi hin qabel rat lill-imputat u huma qabzuh u hu beda jsallab bil-vettura u dana setghet tarah peress li bdiet thares fil-mera. Tixhed li harget mill-vettura u hekk kif semmietlu l-kelma Pulizija, l-imputat ifferocja. Tghid li riedet tghid *warden* flok Pulizija u riedet li jirrangaw l-affarijiet. Tghid li l-vettura sfat bil-hsara meta l-imputat baqa' diehel fihom. Tixhed li l-imputat beda jaghtiha u li flimkien mieghu kien hemm ommu. Tispjega li l-imputat beda jhabbtilha rasha mal-vettura u bid-daqqiet bis-sieq li taha go qaddha u darha hi spiccat jumejn l-iSptar.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, xehed **George Stagno Navarra** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn spjega li huwa rapprezentant tas-socjeta' tal-assigurazzjoni Elmo Insurance Limited. Jghid li mill-perjodu bejn

[2] Ix-xhud ghazlet li tixhed minkejja li hija oht l-imputat.

il-15 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 602 kienet assigurata magħhom u setgħu jsuquha persuni minn wieħed u għoxrin (21) sena l-fuq. Ezebixxa d-dokument li xehed fuqu li ġie mmarkat bħala Dok. "GSN 1" (*a fol.* 77).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehdet **Dr. Alison Micallef** (*a fol.* 80) fejn ikkonfermat l-kontenut taċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnha, liema ċertifikat mediku huwa dak immarkat bħala Dok. "RZ 10" (*a fol.* 26). Tgħid li kklassifikat il-ġrieħi sofferti minn Silvianne Falzon già Cardona bħala ġrieħi ħfief. Tgħid li minn dakinhar li eżaminat lil Silvianne, ma jirriżultalhiex li reġgħet ratha.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehdet ukoll **Dr. Christine Azzopardi** (*a fol.* 81) rigward iċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnha, liema ċertifikat mediku huwa dak immarkat bħala Dok. "RZ 6" (*a fol.* 20). Tgħid li kklassifikat il-ġrieħi sofferti minn Rita Falzon bħala ġrieħi ta' natura ħfief salv kumplikazzjonijiet. Tixhed li Falzon kienet infurmatha li kienet sfat msawta.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed **Dr. Carlo Refalo** (*a fol.* 88 *et seq.*) fejn ikkonferma l-kontenut taċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnu, liema ċertifikat mediku huwa dak immarkat bħala Dok. "RZ 11" (*a fol.* 27). Jgħid li huwa eżamina lil Silvianne Falzon già Cardona li kienet qaltlu li kienet qalgħet xebgħa'. Huwa kklassifika l-ġrieħi sofferti minn Silvianne bħala ġrieħi ta' natura ħafifa.

In <u>kontro-eżami</u> kkonferma li Silvianne qaltlu li kellha *blurred vision*. Mistoqsi jgħid jekk kienx hemm xi ħaġa viżibbli bħala ġrieħi, wieġeb fin-negattiv. Jgħid li Silvianne ġiet eżaminata wkoll minn speċjalisti tal-għajnejn u li huwa strieħ fuq dak li qaltlu hi.

In <u>ri-eżami</u> jgħid li meta fiċ-ċertifikat rilaxxat minnu jikteb *"ġrieħi ħfief"*, huwa jibbaża fuq dak li jara u fuq li jgħidlu l-pazjent.

In <u>kontro-eżami</u> jgħid li f'dan il-każ ma ra xejn. Jgħid li Silvianne qaltlu li kellha xi uġigħ.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014, xehed **Dr. Anthony Fenech** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnu, liema certifikat mediku huwa dak immarkat bhala Dok. "RZ 14" (*a fol.* 30). Jghid li dan ic-certifikat gie rilaxxat fis-16 ta' Frar 2012 fir-rigward ta' Silvianne Falzon già Cardona wara li qaltlu li kienet qalghet daqqa fuq widnejha u wara t-test tas-smiegh li sar fuqha f'zewg okkazzjonijiet differenti wera nuqqas ta' smiegh fuq in-naha tax-xellug u fuq in-naha tal-lemin kien normali. Ghad-domanda kif jikklassifika l-griehi, jghid li f'dan il-kaz ma rrizultax jekk sarx CT *scan* jew jekk kienx hemm xi fratturi.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014, xehdet **Dr. Marlene Farrugia** (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn ikkonfermat l-istima rilaxxata minnha, liema stima hija dik immarkata bhala Dok. "RZ 5" (*a fol.* 18). Tghid li Rita Falzon qaltilha li kienet tilfet id-dentatura taghha ta' isfel waqt glieda.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li meta Falzon marret ghandha, Falzon ma kelliex id-dentatura.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014, xehed **George Zammit** (*a fol.* 101 *et seq.*) fejn ikkonferma l-*business card* li tinsab *a fol.* 23. Meta gie mistoqsi jara Dok. "RZ 8" (*a fol.* 24) sab diffikolta' peress li qal li huwa ma tantx jaf jikteb. Gharaf biss il-kliem *"Red Garage"* fuq il-*business card* li tinsab *a fol.* 23.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014, xehdet **Dr. Carmen Salafia Zammit** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn ikkonfermat l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnha, liema certifikat mediku huwa dak immarkat bhala Dok. "RZ 12" (*a fol.* 28). Tghid li fis-26 ta' Novembru 2011 ezaminat lil Silvianne Falzon già Cardona li qaltilha li xi hadd kien ta daqqa ta' ponn f'ghajnejha x-xellugija u lmentat li minn din l-ghajn kienet qed tara c-cpar. Mistoqsija tghid kif ikklassifikat il-griehi, qalet: *"Jiena meta rajtha qisha ma kellha l-ebda sinjal ta' injury ghall-ghajn"* (*a fol.* 104). Tghid li ma kklassifikatx il-griehi u li ma ratx tbengiel. Tispjega li s-soltu meta persuna taqla' daqqa ta' ponn ikollha nefha u grief. Tghid li minn dan kollu Silvianne ma kellha xejn. Tixhed: *"Fuq il-habba tal-ghajn ikun hemm xi naqra girfa, fuq l-abjad tal-ghajn gie li jkun hemm naqra zghira demm, xejn, xejn, xejn ma kien hemm"* (*a fol.* 105).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "RZ 1" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, spjega li fis-26 ta' Novembru 2011 ra lill-ohtu Silvianne li kienet ma' Rita Falzon. Jghid li hu kien ma' ommu. Mitlub jispjega x'gara, qal: *"Jien flimkien ma' ommi kont qed insuq il-Pajero LAF 602 u kont ghaddej minn fejn il-Maypole ta' Hal Qormi u rajt lil ohti ssuq l-karrozza Toyota Belta JBN u maghha kellha lil omm il-boyfriend ta' ohti Rita. Huma kienu hergin minghand il-Maypole u Rita qabdet tghajjarni 'Hawn huma dawn iz-zewg qattat liba' u li lilha rridu nsibu u mhux lit-tifel taghha ghaliex hi taqbez ghal razzitha, rikbu fil-karrozza u telqu. Sa dan it-tant kien hemm zewg karrozzi bejnietna, li daru u b'hekk jien gejt ezatt wara ohti. Rita harget rasha mit-tieqa u kompliet tghajjarna minn kollox u kull ma jigi go halqha. Huma u telghin il-Black Beauty, huma waqfu f'salt u Rita nizlet mill-karrozza ghal ommi. X'hin rat hekk, ommi nizlet mill-karrozza u qabdu jillitikaw bejniethom u gew fl-idejn. Jien inzilt mill-karrozza u anke ohti nizlet minn taghha. Jien gbidt lil ommi lura u ohti gibdet lir-Rita lura. Mbaghad gejna biex imorru 'l hemm u Rita giet tigri ghal ommi u mbuttatna u ghamlitli ghafsa fuq il-bonnet tal-Pajero. Jien imbuttajt lil Rita lura u giet bil-qieghda fejn il-bieba tal-karozza taghhom. L-erbgha li ahna rkibna gol-karozzi u soqna ghal rasna. Lura ommi saqet u mhux jiena"* (*a fol.* 13). Jghid: *"hi [Rita] gibditilha l-handbreak tal-karrozza lil ohti u b'hekk jiena missejtha minn wara"* (*a fol.* 13). Jghid li m'ghandux licenzja valida biex isuq vettura bil-mutur.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li minkejja li kien l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Zammit li semma d-data tas-26 ta' Novembru 2011 fid-domandi tieghu lil Josephine Cardona (*a fol.* 38) u lil Silvianne Falzon già Cardona (*a fol.* 61 *et seq.*) u minkejja li Rita Falzon (*a fol.* 65 *et seq.*) ma kienitx cara dwar id-data tal-akkadut, Rita Falzon semmiet li l-gurnata kienet dik tas-Sibt u li kien f'Novembru 2011. Apparti minn dan, mill-bqija tal-atti processwali jirrizulta li d-data li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, cioé s-

26 ta' Novembru 2011, giet pruvata. Dan jirrizulta, fost l-ohrajn, mid-depozizzjonijiet moghtija mill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Roderick Zammit (*a fol.* 9 *et seq.*). Dan jirrizulta wkoll mid-depozizzjonijiet moghtija minn PS 274 James Turner (*a fol.* 31), minn Dr. Christine Azzopardi (*a fol.* 81), minn Dr. Carlo Refalo (*a fol.* 88 *et seq.*) u minn Dr. Carmen Salafia Zammit (*a fol.* 104 *et seq.*), liema xhieda kkonfermaw id-dokumenti li hejjew (cioé Dok. "JT 1", Dok. "RZ 6", Dok. "RZ 11", Dok. "RZ 12" – *a fol.* 33 *et seq.*, *a fol.* 20, *a fol.* 27, *a fol.* 28 rispettivament).

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- Il-parti leza Silvianne Falzon già Cardona u Rita Falzon jixhdu dwar dak li gara wara li l-imputat, li kien qed isuq vettura, kien involut maghhom f'incident partikolari. It-tnejn jiddeskrivu kif kienet Rita Falzon l-ewwel li nizlet mill-vettura u kif l-imputat qabad jaghtiha. Da parte taghha, Silvianne tghid li biex ma thalliex lill-imputat jaghti lil Rita, dahlet hi (Silvianne) u lilha taha daqqa go widnejha tax-xellug.

- Josephine Cardona tixhed li kienet hi biss li saqet il-vettura li fiha kien hemm hi u binha l-imputat. Hija tixhed li hekk kif Rita Falzon nizlet mill-vettura, Falzon kienet ser taqbad taghtiha u l-imputat dahal bejniethom biex iferraqhom.

- Fl-okkorrenza (Dok. "JT 1" – *a fol.* 33 *et seq.*) jirrizulta li l-pati leza Silvianne Falzon già Cardona u Rita Falzon irraportaw li kien l-imputat li kien qed isuq warajhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph**

**Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza Silvianne Falzon già Cardona u mill-parti leza Rita Falzon dwar kif gara l-akkadut u kif ukoll dwar il-fatt li effettivament kien l-imputat li kien qed isuq u mhux ommu Josephine Cardona, huma aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri, b'mod partikolari dawk tal-parti leza Silvianne Falzon già Cardona u Rita Falzon. Il-Qorti tinnota wkoll, bhala parentezi biss, li fl-istqarrija (Dok. "RZ 1" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat jghid li kien hu li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Dan qieghed jinghad biss bhala parentezi peress li l-Qorti tirrikonoxxi li din l-istqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt u wara li din l-istqarrija ttiehdet huwa ma ffirmahiex.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni –**
**(Hsara Volontarja fuq il-Vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni JBN 951 ghad-dannu ta' Carmel Falzon)**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- L-i*sprayer* Paul Balzan (*a fol.* 51) ikkonferma Dok. "RZ 9" (*a fol.* 25) liema dokument jirraprezenta l-valur ta' *spray* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBN 951. Mid-depozizzjoni ta' Balzan ma jirrizulta xejn aktar.

- Ir-rapprezentant ta' Transport Malta, Stephen Cachia (*a fol.* 59 *et seq.*), xehed biss fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat u ma gie mistoqsi xejn rigward lil min tappartjeni l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBN 951.

- Ix-xhud George Zammit (*a fol.* 101 *et seq.*) filwaqt li kkonferma li l-*business card* li tinsab *a fol.* 23 hija tieghu, sab diffikulta' meta gie mistoqsi jara Dok. "RZ 8" (*a fol.* 24) peress li qal ma tantx jaf jikteb.

Illi minn dan kollu l-Qorti ma jirrizultalhiex li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. Minkejja li f'din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni tindika lil Carmel Falzon bhala l-persuna li sofra d-dannu, dan il-persuna ma giex mressaq bhala xhud biex jikkonferma dan. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Hsara Volontarja fuq id-dentatura ghad-dannu ta' Rita Falzon)</u>**:
Illi l-Qorti tinnota li fid-depozizzjoni moghtija minn Rita Falzon quddiem il-Qorti, fl-ebda mument ma taghmel riferenza ghad-dentatura in kwistjoni. Da parte taghha, Dr. Marlene Farrugia filwaqt li kkonfermat l-istima (Dok. "RZ 5" – *a fol.* 18) rilaxxata minnha, tixhed ukoll li kienet Falzon stess li qaltilha li kienet tilfet id-dentatura. Apparti minn dan, fost id-diversi dokumenti medici li gew pprezentati tul il-mori tal-proceduri u fost ix-xhieda kollha medici li gew mressqa, hija biss Dr. Christine Azzopardi li xehdet rigward il-griehi sofferti minn Rita Falzon. Dr. Azzopardi rrilaxxat certifikat mediku in sostenn ta' dan. Mid-depozizzjoni moghtija minn Dr. Azzopardi (*a fol.* 81) u mic-certifikat mediku (Dok. "RZ 6" – *a fol.* 20) rilaxxat minnha ma jirrizulta xejn rigward id-dentatura. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jirrizultalhiex li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Griehi ta' Natura Hafifa fuq il-Persuna ta' Silvianne Falzon già Cardona)</u>**:
Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Silvianne, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni

> jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza Falzon già Cardona, apparti d-depozizzjoni tal-istess parti leza (*a fol.* 61 *et seq.*), jirrizultaw id-depozizzjonijiet moghtija minn Dr. Alison Micallef (*a fol.* 80), minn Dr. Carlo Refalo (*a fol.* 88 *et seq.*), minn Dr. Anthony Fenech (*a fol.* 97 *et seq.*) u minn Dr. Carmen Salafia Zammit (*a fol.* 104 *et seq.*) li xehdu rigward ic-certifikati medici[3] rilaxxati minnhom. Il-Qorti tinnota li minn dawn ic-certifikati u mid-depozizzjonijiet imsemmija jirrizultaw is-segwenti:

- Fid-depozizzjoni taghha Dr. Alison Micallef (*a fol.* 80) ikkonfermat c-certifikat mediku (Dok. "RZ 10" – *a fol.* 26). rilaxxat minnha, f'liema certifikat hemm indikat li l-ebda griehi ma gew nnutati.

[3] "RZ 10" (*a fol.* 26), Dok. "RZ 11" (*a fol.* 27), Dok. "RZ 14" (*a fol.* 30) u Dok. "RZ 12" (*a fol.* 28).

- Dr. Carlo Refalo (*a fol.* 88 *et seq.*) ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnu (Dok. "RZ 11" – *a fol.* 27). Huwa jghid li bhala griehi ma ra xejn u li meta fic-certifikat mediku rilaxxat minnu jikteb "griehi hfief", huwa jibbaza fuq dak li jara u fuq li jghidlu l-pazjent.

- Fid-depozizzjoni tieghu, Dr. Anthony Fenech (*a fol.* 97 *et seq.*) ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku rilaxxat minnu (Dok. "RZ 14" – *a fol.* 30). Dan ic-certifikat gie rilaxxat fis-16 ta' Frar 2012.

- Dr. Carmen Salafia Zammit (*a fol.* 104 *et seq.*) ikkonfermat ic-certifikat mediku rilaxxat minnha (Dok. "RZ 12" – *a fol.* 28). Hija tghid li ma rat l-ebda sinjal ta' gerha fuq l-ghajn u li ma rat l-ebda tbengiel fuq Silvianne. Tispjega li s-soltu meta persuna taqla' daqqa ta' ponn ikollha nefha u grief. Tghid li minn dan kollu l-parti leza ma kellha xejn.

Illi apparti c-certifikati medici li saru riferenza ghalihom hawn fuq, l-atti processwali jikkontjenu certifikat mediku iehor f'liema certifikat hemm indikat li l-parti leza Falzon già Cardona kellha tbengila fuq ix-xellug tal-wicc. Dan huwa Dok. "RZ 13" (*a fol.* 29) li gie rilaxxat minn certu Dr. Chris kunjomu ma jingharafx. Dan it-tabib ma giex imressaq bhala xhud u b'hekk ic-certifikat ma giex ikkonfermat bil-gurament u ghaldaqstant il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tieghu.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, u b'mod partikolari tenut kont ta' dak li nghad fis-sentenzi **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** u **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** kkwotati aktar il-fuq, il-Qorti jibqghalha dubju kemm effettivament t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Griehi ta' Natura Hafifa fuq il-Persuna ta' Rita Falzon)</u>**:
Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti tinnota dak li qalet Rita Falzon stess fid-depozizzjoni moghtija minnha (*a fol.* 65 *et seq.*).

Il-Qorti tinnota wkoll dak li xehdet Dr. Christine Azzopardi (*a fol.* 81) rigward ic-certifikat mediku (Dok. "RZ 6" – *a fol.* 20) rilaxxat minnha fejn hemm indikat dak li gie nnutat minn Dr. Azzopardi. F'dan ic-certifikat hemm indikat fiex kienu jikkonsistu l-griehi sofferti minn Rita Falzon u li rat Dr. Azzopardi, liema griehi gew klassifikati bhala griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Tenut kont ta' dan kollu u tenut kont taz-zewg sentenzi li saru riferenza ghalihom fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti m'ghandu jibqghalha l-ebda dubju li r-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni –**
**(Sewqan ta' Vettura Minghajr Licenzja)**:
Illi tenut kont ta' dak li nghad aktar il-fuq rigward il-fatt li l-Qorti effettivament temmen li kien l-imputat li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 602 u mhux ommu u tenut kont tad-depozizzjoni moghtija mir-rapprezentant tat-Transport Malta (*a fol.* 59 *et seq.*), fejn inghad li dakinhar tal-akkadut l-imputat ma kellux licenzja u li licenzja fil-konfront tieghu nharget fl-24 ta' Ottubru 2012, il-Qorti m'ghandu jibqghalha l-ebda dubju li din l-imputazzjoni giet pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni –**
**(Sewqan ta' Vettura minghajr Polza ta' Assigurazzjoni)**:
Illi l-Qorti jirrizultalha li dakinhar tal-akkadut l-imputat kellu l-età ta' 23 sena. Il-Qorti jirrizultalha wkoll li r-rapprezentant tas-socjeta' Elmo Insurance Limited, George Stagno Navarra (*a fol.* 75 *et seq.*), xehed li mill-perjodu bejn il-15 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Dicembru 2011, li jkopri dakinhar tal-akkadut, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 602 kienet assigurata maghhom u li din setghet tinstaq minn persuni li kellhom minn 21 sena l-fuq. Tenut kont ta' dan u tenut kont ta' Dok. "GSN 1" (*a fol.* 77), il-Qorti jirrizultalha li s-sitt (6) imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni –**

**<u>(Ksur tal-Bon Ordni b'Ghajjat u Glied)</u>**:
Illi jirrizulta li l-akkadut in kwistjoni sehh fis-26 ta' Novembru 2011. Jirrizulta wkoll li c-*charge sheet* fil-konfront tal-imputat giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-30 ta' Mejju 2012 u li l-ewwel dehra li giet iffissata mill-Qorti kienet fil-25 ta' Gunju 2012. M'hemmx dubju li s-seba' (7) imputazzjoni, li hija kontravenzjoni, kienet diga preskritta meta c-*charge sheet* fil-konfront tal-imputat giet ipprezentata l-Qorti u dana bid-dekors ta' tlitt xhur u b'hekk il-Qorti ser tiddikjara din l-imputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli ndikati. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta sentenza/sentenzi in sostenn ta' din l-imputazzjoni. Minkejja li fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 103), il-Prosekuzzjoni ddikjarat li kellha sentenza moghtija fil-15 ta' Mejju 2010 x'tezebixxi, fis-seduta ta' wara, cioé dik mizmuma fis-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 106) giet pprezentata l-fedina penali tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. "RZ 15" (*a fol.* 108). Din il-fedina penali hija l-istess bhala Dok. "RZ 2" (*a fol.* 15) li jaghmlu riferenza ghal sentenza moghtija fis-15 ta' Settembru 2010. Dan kollu mhux bizzejjed biex l-imputat jitqies li huwa recidiv u bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jistgha jinghad li t-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha u mhux ser jitqies bhala recidiv.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tieghu u li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in

konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati li gew pruvati u l-fedina penali tieghu[4]. Il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dan kollu, l-aktar piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat hija dik ta' hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, tiddikjara s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat bhala preskritta u konsegwentement estinta, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6), u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, u wara li rat Artikoli 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Christian Cardona hati tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' elf u mitt Euro (€1100.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Dok. "RZ 2" (*a fol.* 15); Dok. "RZ 15" (*a fol.* 108).